Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Novembru 2026
(OR. en)

16474/26

ECOFIN 1577
FISC 436
UD 357
CLIMA 675
ENV 1457

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	25 ta' Novembru 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 8367 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'25.11.2026 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika aktar iż-żmien, l-amministrazzjoni, l-istruttura u l-livell tat-tariffi u aspetti oħra relatati mal-ġestjoni tal-bejgħ u tax-xiri mill-ġdid taċ-ċertifikati CBAM, kif ukoll l-organizzazzjoni u l-użu tal-pjattaforma ċentrali komuni, inklużi t-tariffi biex ikopru l-kostijiet tal-operat u tal-ġestjoni tal-pjattaforma

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 8367 final.

Mehmuż: C(2026) 8367 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.11.2026
C(2026) 8367 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'25.11.2026

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika aktar iż-żmien, l-amministrazzjoni, l-istruttura u l-livell tat-tariffi u aspetti oħra relatati mal-ġestjoni tal-bejgħ u tax-xiri mill-ġdid taċ-ċertifikati CBAM, kif ukoll l-organizzazzjoni u l-użu tal-pjattaforma ċentrali komuni, inklużi t-tariffi biex ikopru l-kostijiet tal-operat u tal-ġestjoni tal-pjattaforma

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] jistabbilixxi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri (CBAM) biex jindirizza l-emissjonijiet tal-gassijiet serra integrati f'ċerti oġġetti importati fit-territorju doganali tal-Unjoni sabiex jiġi pprevenut ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, u jinħolqu inċentivi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju fuq livell globali.

Ir-Regolament (UE) 2023/956 ġie emendat bir-Regolament (UE) 2025/2083 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2]. Dak ir-Regolament introduċa simplifikazzjonijiet u titjib kosteffiċjenti għas-CBAM mingħajr ma affettwa l-ilħuq tal-objettivi f'dan il-qasam ta' politika. L-emendi ppermettew CBAM aktar effiċjenti, mill-bidu tal-perjodu definittiv fl-2026, filwaqt li l-prinċipji ewlenin tad-disinn tal-mekkaniżmu u l-objettiv ambjentali tas-CBAM baqgħu l-istess. L-emendi kemm taffew il-piż amministrattiv biex jiffaċilitaw il-konformità kif ukoll saħħew is-CBAM permezz ta' monitoraġġ imsaħħaħ u ta' miżuri kontra l-abbuż.

Minn Frar 2027, id-dikjaranti awtorizzati CBAM se jixtru ċertifikati CBAM biex jikkonformaw mal-obbligi CBAM tagħhom. Huma se jixtru ċertifikati CBAM mill-Istat Membru fejn huma stabbiliti. L-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2023/956 jipprevedi regoli dwar il-bejgħ u x-xiri mill-ġdid taċ-ċertifikati CBAM fuq il-pjattaforma ċentrali komuni. Din il-pjattaforma trid tiġi stabbilita u ġestita mill-Kummissjoni Ewropea wara proċedura ta' akkwist konġunt mal-Istati Membri. Għal dak il-għan, ġie ffirmat ftehim ta' akkwist konġunt mill-Istati Membri kollha u l-Kummissjoni, li daħal fis-seħħ fis-16 ta' Diċembru 2025.

L-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2023/956 jagħti wkoll is-setgħa lill-Kummissjoni Ewropea li tadotta atti delegati li jispeċifikaw iż-żmien, l-amministrazzjoni, l-istruttura u l-livell tat-tariffi u aspetti oħra relatati mal-ġestjoni tal-bejgħ u tax-xiri mill-ġdid taċ-ċertifikati CBAM, kif ukoll l-organizzazzjoni u l-użu tal-pjattaforma ċentrali komuni, filwaqt li tfittex konsistenza mal-proċeduri stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/2830[3]. Tali atti jridu jiżguraw li l-organizzazzjoni u l-użu tal-pjattaforma ċentrali komuni jkunu effiċjenti f'termini ta' kostijiet, li l-livell tat-tariffi jiġi stabbilit sabiex ikopri strettament il-kostijiet rilevanti u li jiġu evitati kostijiet amministrattivi żejda.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Il-Kummissjoni stabbiliet il-Grupp ta' Esperti Informali dwar is-CBAM fis-27 ta' Ottubru 2023. Għat-tħejjija ta' dan ir-Regolament Delegat, saru laqgħat tal-grupp ta' esperti fis-17 ta' Lulju 2026, fl-1 ta' Settembru 2026, fit-8 ta' Ottubru 2026 u fit-22 ta' Ottubru 2026.

---

[1] Ir-Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri (ĠU L 130, 16.5.2023, p. 52, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/956/oj).

[2] Ir-Regolament (UE) 2025/2083 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ottubru 2025 li jemenda r-Regolament (UE) 2023/956 fir-rigward tas-simplifikazzjoni u tat-tisħiħ tal-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri (ĠU L, 2025/2083, 17.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/2083/oj).

[3] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/2830 tas-17 ta' Ottubru 2023 li jissupplimenta d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi regoli dwar il-kalendar, l-amministrazzjoni u aspetti oħra tal-irkantar ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra (ĠU L, 2023/2830, 20.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/2830/oj).

Id-dokumenti rilevanti għal-laqgħat ġew trażmessi simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, kif previst fil-Fehim Komuni dwar l-Atti Delegati anness mal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[4]. L-osservazzjonijiet li saru mill-grupp ta' esperti tqiesu fit-tħejjija tal-abbozz tar-regolament delegat.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Ir-regolament delegat se jistabbilixxi l-arranġamenti dettaljati tal-bejgħ u tax-xiri mill-ġdid taċ-ċertifikati CBAM fuq il-pjattaforma ċentrali komuni. Se jistabbilixxi r-regoli neċessarji biex jiġi operat iċ-ċiklu tal-ħajja taċ-ċertifikati CBAM fiż-żewġ sistemi, il-pjattaforma ċentrali komuni u r-reġistru CBAM, stabbiliti mill-Kummissjoni, fejn se jinżammu u jiġu ċeduti ċ-ċertifikati CBAM. Se jistabbilixxi wkoll regoli dwar it-tariffi li għandhom jitħallsu mid-dikjaranti awtorizzati CBAM meta jixtru ċertifikati CBAM fuq il-pjattaforma ċentrali komuni.

[4] Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, pp. 1–14).

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'25.11.2026

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika aktar iż-żmien, l-amministrazzjoni, l-istruttura u l-livell tat-tariffi u aspetti oħra relatati mal-ġestjoni tal-bejgħ u tax-xiri mill-ġdid taċ-ċertifikati CBAM, kif ukoll l-organizzazzjoni u l-użu tal-pjattaforma ċentrali komuni, inklużi t-tariffi biex ikopru l-kostijiet tal-operat u tal-ġestjoni tal-pjattaforma

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri[5], u b'mod partikolari l-Artikolu 20(5a), it-tielet subparagrafu, u l-Artikolu 20(6) tiegħu,

Billi:

(1) Mill-1 ta' Jannar 2026, il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri ("CBAM") tal-Unjoni stabbilit bir-Regolament (UE) 2023/956 kien jinvolvi aġġustament finanzjarju li jikkorrispondi għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra inkorporati fl-oġġetti, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-CBAM, li d-dikjaranti awtorizzati CBAM importaw fit-territorju doganali tal-Unjoni matul is-sena kalendarja preċedenti. Dak l-aġġustament finanzjarju jieħu l-forma ta' ċertifikati CBAM li d-dikjaranti awtorizzati CBAM se jkollhom iċċedu.

(2) Is-CBAM jikkomplementa s-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni ("EU ETS") billi japplika sett ekwivalenti ta' regoli għall-importazzjonijiet fit-territorju doganali tal-Unjoni tal-oġġetti koperti minn dan ir-Regolament. Iċ-ċertifikati CBAM jikkorrispondu għall-istess ammont ta' emissjonijiet inkorporati bħall-kwoti tal-ETS, jiġifieri, tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO_2. Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2023/956, il-Kummissjoni trid tikkalkula l-prezz taċ-ċertifikati CBAM għal kull ġimgħa kalendarja bħala l-medja tal-prezzijiet tal-kwoti tal-EU ETS irkantati f'konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/2830[6].

(3) Skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) 2023/956, il-Kummissjoni trid tistabbilixxi reġistru CBAM ("ir-reġistru CBAM"), li huwa s-sistema għall-iffajljar u għall-ġestjoni tad-dikjarazzjonijiet CBAM imsemmija fl-Artikolu 6 ta' dak ir-Regolament, inklużi l-verifiki, il-valutazzjonijiet indikattivi, u l-proċeduri ta' rieżami. Ir-reġistru CBAM fih data, fost l-oħrajn, dwar id-dikjaranti awtorizzati CBAM, l-applikanti u l-operaturi u l-installazzjonijiet f'pajjiżi terzi.

---

5 ĠU L 130, 16.5.2023, p. 52, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/956/oj.

6 Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/2830 tas-17 ta' Ottubru 2023 li jissupplimenta d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi regoli dwar il-kalendar, l-amministrazzjoni u aspetti oħra tal-irkantar ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra (ĠU L, 2023/2830, 20.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/2830/oj).

(4) Madankollu, skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2023/956, il-bejgħ u x-xiri mill-ġdid taċ-ċertifikati CBAM iridu jsiru fuq pjattaforma ċentrali komuni li hija distinta mir-reġistru CBAM. Għall-kuntrarju tar-reġistru CBAM, il-pjattaforma ċentrali komuni għandha tiġi stabbilita u mmaniġġjata mill-Kummissjoni b'segwitu ta' proċedura ta' akkwist konġunt mal-Istati Membri.

(5) L-Istati Membri jridu jbigħu u jixtru mill-ġdid iċ-ċertifikati CBAM lil u mingħand dikjaranti awtorizzati CBAM stabbiliti fit-territorju tagħhom. Il-bejgħ u x-xiri mill-ġdid taċ-ċertifikati CBAM iseħħu permezz ta' mekkaniżmu stabbilit mill-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2023/956 biex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-CBAM u biex jingħata kontribut għall-prevenzjoni tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Il-bejgħ u x-xiri mill-ġdid jitwettqu mill-Istati Membri. B'differenza mill-EU ETS, il-bejgħ u x-xiri mill-ġdid taċ-ċertifikati CBAM ma jsirux f'suq li fih dawk l-Istati Membri jipparteċipaw bħala operaturi ekonomiċi. Bit-twettiq tal-bejgħ u tax-xiri mill-ġdid taċ-ċertifikati CBAM, l-Istati Membri jaġixxu biss għall-fini tal-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u għat-twettiq tal-kompiti fdati lilhom skont ir-Regolament (UE) 2023/956.

(6) Peress li s-CBAM ma jibbażax fuq sistema ta' "limitu u skambju", jenħtieġ li ma jkun hemm l-ebda limitu fuq l-għadd ta' ċertifikati CBAM mibjugħa mill-Istati Membri lil dikjaranti awtorizzati CBAM. Għall-istess raġuni, jenħtieġ li ma jkun hemm l-ebda proċedura li tippermetti lill-Istati Membri jipprevjenu jew idewmu l-bejgħ ta' ċertifikati CBAM lil dikjaranti awtorizzati CBAM.

(7) Fin-nuqqas ta' restrizzjonijiet fuq l-għadd ta' ċertifikati CBAM li l-Istati Membri jbigħu lil dikjaranti awtorizzati CBAM stabbiliti fit-territorju tagħhom, jenħtieġ li l-Istati Membri ma jkunux meħtieġa jieħdu xi azzjoni biex iwasslu ċertifikati CBAM jew biex jiddepożitaw kwalunkwe kollateral. Sabiex jitnaqqsu l-piż amministrattiv u l-kostijiet, jenħtieġ li l-proċessi ġenerali tas-sistema CBAM jitfasslu b'mod li jippermetti awtomatizzazzjoni effiċjenti u sigura tal-kompiti kemm jista' jkun.

(8) Skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2023/956, jenħtieġ li l-informazzjoni dwar iċ-ċertifikati CBAM tiġi pproċessata b'mod elettroniku u tinħażen fil-kontijiet tad-dikjaranti awtorizzati CBAM miżmuma fir-reġistru CBAM. Mal-ħolqien tagħhom, iċ-ċertifikati CBAM jenħtieġ li jiġu assenjati biss lid-dikjarant awtorizzat CBAM li jixtri u jenħtieġ li s-sjieda ta' tali ċertifikati ma tkunx trasferibbli lil xi persuna oħra fi kwalunkwe suq jew lil kont CBAM ieħor fir-reġistru CBAM biex jiġi evitat kwalunkwe riskju ta' użu ħażin, għadd doppju, jew ċirkomvenzjoni tal-obbligi skont ir-Regolament (UE) 2023/956.

(9) Il-ġestjoni taċ-ċertifikati CBAM tinvolvi sistemi differenti stabbiliti għal finijiet differenti: ir-reġistru CBAM stabbilit skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2023/956, inkluż l-ipproċessar tad-data personali għall-ġestjoni taċ-ċertifikati CBAM f'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (c), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/3210[7], u l-pjattaforma ċentrali komuni stabbilita skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2023/956. Tinvolvi wkoll l-interfaċċa bejn dawn iż-żewġ sistemi. Sabiex tiġi żgurata l-ġestjoni effiċjenti, sigura u trasparenti taċ-ċertifikati CBAM, huwa neċessarju li l-funzjonijiet tar-reġistru CBAM u dawk tal-pjattaforma ċentrali komuni fir-rigward tal-bejgħ u tax-xiri mill-ġdid jiġu sseparati. Ir-

[7] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/3210 tat-18 ta' Diċembru 2024 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-reġistru tas-CBAM (ĠU L, 2024/3210, 30.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/3210/oj).

reġistru CBAM huwa s-sistema elettronika ċentralizzata għat-traċċar tal-ħruġ, tal-pussess, taċ-ċediment u tal-kanċellazzjoni taċ-ċertifikati CBAM. Il-pjattaforma ċentrali komuni hija responsabbli għat-tranżazzjonijiet finanzjarji relatati mal-bejgħ u max-xiri mill-ġdid taċ-ċertifikati, inklużi l-ipproċessar tal-pagament u s-saldu tat-tranżazzjonijiet.

(10) Il-pjattaforma ċentrali komuni jenħtieġ li jkollha biss l-informazzjoni neċessarja biex tħaddem l-operazzjonijiet bankarji relatati mal-bejgħ u max-xiri mill-ġdid taċ-ċertifikati CBAM, filwaqt li r-reġistru CBAM jenħtieġ li jżomm l-informazzjoni rilevanti l-oħra kollha relatata mal-bejgħ u max-xiri mill-ġdid taċ-ċertifikati CBAM. Tali separazzjoni tnaqqas l-esponiment tad-data u r-riskju ta' aċċess mhux awtorizzat għaliha.

(11) Sigurtà diġitali b'saħħitha hija essenzjali biex tipproteġi d-data finanzjarja sensittiva u tiżgura l-affidabbiltà ta' kull operazzjoni bankarja, u b'hekk tiġi ppreżervata l-fiduċja tal-utenti. Sabiex tittejjeb din is-sigurtà diġitali b'saħħitha, huwa neċessarju li l-pjattaforma ċentrali komuni tkun indipendenti iżda konnessa mar-reġistru CBAM. Sabiex jiġi żgurat li l-ġestjoni tal-bejgħ u tax-xiri mill-ġdid taċ-ċertifikati tkun sigura, jenħtieġ li f'dawk iż-żewġ sistemi jiġu implimentati l-miżuri tas-sigurtà tal-IT. Huwa kruċjali wkoll li jiġi żgurat li kull bejgħ jew xiri mill-ġdid taċ-ċertifikati CBAM ikun jista' jsir biss jekk l-informazzjoni dwar dik l-operazzjoni riċevuta mir-reġistru CBAM tkun akkurata u li s-sigurtà ta' dik l-operazzjoni ma tkunx kompromessa.

(12) Sabiex jittejbu s-sigurtà u l-integrità fiż-żewġ sistemi, jiġifieri, ir-reġistru CBAM u l-pjattaforma ċentrali komuni, jenħtieġ li l-bejgħ u x-xiri mill-ġdid taċ-ċertifikati CBAM fuq il-pjattaforma ċentrali komuni jkunu bbażati fuq proċessi mibdija permezz tar-reġistru CBAM. Jenħtieġ li d-dikjaranti jdaħħlu talbiet ta' xiri u ta' xiri mill-ġdid fir-reġistru CBAM abbażi taċ-ċertifikati CBAM miżmuma fih, qabel ma l-pjattaforma ċentrali komuni tittratta l-pagamenti relatati.

(13) Peress li l-pjattaforma ċentrali komuni trid twettaq biss il-pagamenti li jikkorrispondu għall-bejgħ u għax-xiri mill-ġdid taċ-ċertifikati CBAM, jenħtieġ li l-utenti tagħha jkunu limitati għall-importaturi jew għar-rappreżentanti tagħhom li jkunu ngħataw l-istatus ta' "dikjarant awtorizzat CBAM". Madankollu, jenħtieġ li l-importaturi jew ir-rappreżentanti li l-awtorizzazzjonijiet tagħhom ikunu ġew revokati u li jkun għad għandhom obbligi CBAM x'jissodisfaw permezz tar-reġistru CBAM ikunu jistgħu jużaw ukoll il-pjattaforma ċentrali komuni għall-bejgħ u għax-xiri mill-ġdid taċ-ċertifikati CBAM.

(14) Għal persuni li l-istatus tagħhom ta' dikjarant awtorizzat CBAM ikun ġie rrevokat skont l-Artikolu 17(8) tar-Regolament (UE) 2023/956, jenħtieġ li l-aċċess ikun miftuħ sakemm ikun meħtieġ biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom jew biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2023/956. Dan jista' jkun il-każ ukoll wara rieżami tad-dikjarazzjonijiet CBAM imwettaq minn awtorità kompetenti tal-Istat Membru skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2023/956, li jista' jseħħ fil-perjodu li jintemm mar-raba' sena wara s-sena li fiha kellhom jiġu sottomessi d-dikjarazzjonijiet CBAM.

(15) Skont l-Artikolu 23(3) tar-Regolament (UE) 2023/956, iċ-ċertifikati CBAM iridu jinxtraw mill-ġdid bl-istess prezz bħall-prezz imħallas fil-mument tax-xiri. Madankollu, il-fluttwazzjonijiet fir-rati tal-kambju li jseħħu bejn iż-żmien tax-xiri u dak tax-xiri mill-ġdid sussegwenti taċ-ċertifikati CBAM jistgħu jirriżultaw fi qligħ jew telf finanzjarju mhux relatat mal-prezz taċ-ċertifikat. Sabiex jiġu eliminati r-riskji li jirriżultaw mill-kambju tal-muniti u mill-fluttwazzjonijiet fir-rati tal-kambju maż-

żmien u tiġi appoġġata l-applikazzjoni uniformi madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-prezz taċ-ċertifikati CBAM jiġi rreġistrat fir-reġistru CBAM f'euro biss, u l-pagamenti kollha relatati mal-bejgħ u max-xiri mill-ġdid jenħtieġ li jsiru f'euro. Dan se jiżgura wkoll informazzjoni identika bejn ir-reġistru CBAM u l-pjattaforma ċentrali komuni u r-rikonċiljazzjoni tad-data.

(16) Skont l-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2023/956, id-dikjaranti awtorizzati CBAM jistgħu jdaħħlu talba għax-xiri mill-ġdid fir-reġistru CBAM biex iċ-ċertifikati CBAM żejda jibqgħu fil-kont tagħhom mixtrija mill-ġdid wara li jkunu ċedewhom f'konformità mal-Artikolu 22 ta' dak ir-Regolament. F'konformità mad-dispożizzjoni tal-aħħar, iċ-ċertifikati CBAM iridu jiġu ċeduti sat-30 ta' Settembru ta' kull sena. Għalhekk, jenħtieġ li d-dikjaranti ma jkunux eliġibbli għad-dritt ta' xiri mill-ġdid meta jonqsu milli jċedu, sat-30 ta' Settembru ta' kull sena, l-għadd ta' ċertifikati li jikkorrispondi għad-dikjarazzjoni CBAM annwali.

(17) Barra minn hekk, jekk id-dikjaranti awtorizzati CBAM jitħallew idaħħlu diversi talbiet għax-xiri mill-ġdid fir-reġistru CBAM dan iżid il-kumplessità amministrattiva, ifixkel il-kontroll effettiv u jippermetti strateġiji ta' ottimizzazzjoni li għandhom l-għan li jibbenefikaw mill-fluttwazzjonijiet tal-prezzijiet maż-żmien. Sabiex tiġi żgurata l-amministrazzjoni effiċjenti u verifikabbli tal-proċess tax-xiri mill-ġdid, jenħtieġ għalhekk li d-dikjaranti awtorizzati CBAM jitħallew jissottomettu talba waħda biss għax-xiri mill-ġdid fis-sena, ħlief fejn ix-xiri mill-ġdid iseħħ wara revoka tal-awtorizzazzjoni. Dik il-limitazzjoni tikkontribwixxi għaċ-ċertezza legali u għall-ġestjoni finanzjarja tajba.

(18) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament konsistenti u xieraq tal-mekkaniżmu tax-xiri mill-ġdid, jenħtieġ li l-limitu applikabbli għax-xiri mill-ġdid taċ-ċertifikati CBAM skont l-Artikolu 23(2) tar-Regolament (UE) 2023/956 japplika għax-xiri mill-ġdid kollu, inkluż dak wara rieżami tad-dikjarazzjonijiet CBAM annwali skont l-Artikolu 19(6) ta' dak ir-Regolament. L-applikazzjoni ta' limitu uniku għax-xiri mill-ġdid kollu hija neċessarja biex jiġi pprevenut ir-riskju ta' ċirkomvenzjoni tal-limitu tax-xiri mill-ġdid, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet fejn id-dikjaranti awtorizzati CBAM jissopravalutaw l-emissjonijiet iddikjarati u jistgħu nkella jfittxu li jixtru mill-ġdid għadd akbar ta' ċertifikati minn dak il-limitu tax-xiri mill-ġdid.

(19) Sabiex id-dikjaranti awtorizzati CBAM ikollhom il-flessibbiltà u l-awtonomija li jiġġestixxu l-obbligazzjoni finanzjarja tagħhom filwaqt li tiġi żgurata l-effiċjenza operazzjonali tas-CBAM, f'konformità mal-prinċipji tal-proporzjonalità u tas-sempliċità amministrattiva, jenħtieġ li d-dikjaranti awtorizzati CBAM, fir-reġistru CBAM, ikunu jistgħu jagħżlu liema ċertifikati jitolbu li jinxtraw mill-ġdid. Sabiex tissalvagwardja l-integrità tas-sistema CBAM, tipprevjeni kwalunkwe prattika abbużiva potenzjali jew kwalunkwe konsegwenza mhux intenzjonata oħra li tista' timmina l-effettività ambjentali tas-CBAM, il-Kummissjoni jenħtieġ li timmonitorja mill-qrib dik il-flessibbiltà u tintroduċi miżuri addizzjonali jew regoli speċifiċi li jirrestringu dik il-flessibbiltà fl-għażla taċ-ċertifikati CBAM għax-xiri mill-ġdid fejn meħtieġ, abbażi tal-evidenza ta' tali prattiki abbużivi jew konsegwenzi mhux intenzjonati.

(20) Sabiex jiġu żgurati l-integrità u l-prevedibbiltà tal-ġestjoni taċ-ċertifikat CBAM u jiġi razzjonalizzat l-ipproċessar tat-talbiet għax-xiri mill-ġdid, it-talbiet għax-xiri mill-ġdid sottomessi mid-dikjaranti awtorizzati CBAM jenħtieġ li jkunu irrevokabbli u ma jkunux jistgħu jiġu emendati fir-reġistru CBAM mill-bidu tal-proċess tal-approvazzjoni tax-xiri mill-ġdid.

(21) Skont l-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2023/956, l-Istati Membri jridu jiffinanzjaw, fuq talba ta' dikjarant awtorizzat CBAM, ix-xiri mill-ġdid ta' ċertifikati CBAM żejda mid-dikjaranti awtorizzati CBAM stabbiliti fit-territorju tagħhom. Dawk iċ-ċertifikati CBAM żejda jridu jinxtraw mill-ġdid permezz tal-pjattaforma ċentrali komuni stabbilita u ġestita mill-Kummissjoni. Il-proċedura tax-xiri mill-ġdid mir-reġistru CBAM għall-pjattaforma ċentrali komuni hija aktar kumplessa mill-proċedura tax-xiri, peress li tirrikjedi passi proċedurali addizzjonali.

(22) Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv u tiġi evitata l-ħtieġa ta' approvazzjoni manwali mill-Istati Membri, il-proċess tax-xiri mill-ġdid jenħtieġ li jkun awtomatizzat fir-reġistru CBAM. Sabiex jiġi żgurat l-ipproċessar f'waqtu u konsistenti tat-talbiet għax-xiri mill-ġdid skont l-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2023/956, huwa xieraq li tiġi stabbilita skadenza sa meta jenħtieġ li jiġu pproċessati t-talbiet għax-xiri mill-ġdid. L-istabbiliment ta' tali skadenza jtejjeb iċ-ċertezza legali għad-dikjaranti awtorizzati CBAM, jappoġġa l-effiċjenza amministrattiva u jiżgura l-applikazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament. Mat-tmiem ta' din l-iskadenza, jenħtieġ li l-Kummissjoni tixtri mill-ġdid iċ-ċertifikati CBAM permezz tal-pjattaforma ċentrali komuni f'isem l-Istat Membru fejn ikun stabbilit id-dikjarant awtorizzat CBAM. Fl-istess ħin, jenħtieġ li dik l-iskadenza tippermetti biżżejjed żmien biex l-Istati Membri jiżguraw id-disponibbiltà tal-fondi meħtieġa. Peress li r-rwol tal-Kummissjoni huwa li tipproċessa x-xiri mill-ġdid f'isem l-Istati Membri, kwalunkwe rimedju legali li jista' jintalab f'dan il-kuntest jrid jiġi dirett kontra l-awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat.

(23) Sabiex jiġi żgurat li r-rikavat mix-xiri mill-ġdid taċ-ċertifikati CBAM jgħaddi għand-dikjarant awtorizzat CBAM, jittaffew ir-riskji ta' frodi, ta' pagamenti żbaljati u ta' ħasil tal-flus, u jiġi limitat il-piż amministrattiv assoċjat mal-verifika tal-kontijiet bankarji, il-kapaċità ta' dikjaranti awtorizzati CBAM li jiddeżinjaw kont bankarju għall-pagamenti ta' ċertifikati mixtrija mill-ġdid fuq il-pjattaforma ċentrali komuni jenħtieġ li tkun ristretta għal ċerti kontijiet bankarji li dawk id-dikjaranti jkunu diġà użaw biex jixtru ċertifikati CBAM fuq dik il-pjattaforma.

(24) Skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2023/956, fl-1 ta' Novembru ta' kull sena l-Kummissjoni trid tikkanċella, mingħajr kumpens, kwalunkwe ċertifikat CBAM li jkun inxtara matul is-sena ta' qabel is-sena kalendarja preċedenti u li jkun baqa' fil-kont ta' dikjarant awtorizzat CBAM fir-reġistru CBAM. Sabiex tiġi evitata interferenza fil-proċess tax-xiri mill-ġdid u jiġi evitat l-użu doppju taċ-ċertifikati CBAM ikkonċernati minn talba għax-xiri mill-ġdid pendenti, huwa xieraq li tali ċertifikati CBAM ma jibqgħux disponibbli aktar fil-kont tad-dikjarant awtorizzat CBAM fir-reġistru CBAM.

(25) Bil-komunikazzjoni tal-informazzjoni rilevanti permezz tal-interfaċċa b'mod kontinwu kważi f'ħin reali, jenħtieġ li r-reġistru CBAM u l-pjattaforma ċentrali komuni jkunu jistgħu jwettqu l-kompiti rispettivi tagħhom. Jenħtieġ li tali skambju ta' informazzjoni jiżgura li l-pjattaforma ċentrali komuni twettaq pagamenti bbażati fuq informazzjoni dwar talbiet għax-xiri u għax-xiri mill-ġdid riċevuti mir-reġistru CBAM. Jenħtieġ li min-naħa tagħha, il-pjattaforma ċentrali komuni tikkomunika l-informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet li twettaq jew dwar inċidenti lir-reġistru CBAM, qabel ma jiġu ġġenerati ċ-ċertifikati CBAM kif xieraq fir-reġistru CBAM. Il-Kummissjoni trid tiżgura li kull ċertifikat CBAM jiġi assenjat numru uniku ta' identifikazzjoni meta jinħoloq u li tirreġistra n-numru uniku ta' identifikazzjoni, kif ukoll il-prezz u d-data tal-bejgħ taċ-ċertifikat CBAM fir-reġistru CBAM fil-kont tad-dikjarant awtorizzat CBAM li jixtri dak iċ-ċertifikat.

(26) Sabiex jissaħħu ulterjorment is-sigurtà u l-integrità tal-proċessi tal-bejgħ u tax-xiri mill-ġdid, jenħtieġ li jkun hemm rikonċiljazzjoni tad-data fiż-żewġ sistemi, fejn l-informazzjoni tiġi mqabbla u vverifikata biex jiġu żgurati l-kompletezza, l-akkuratezza u l-konsistenza tagħha. Barra minn hekk, jenħtieġ li ċ-ċertifikati CBAM ikunu disponibbli għad-dikjaranti awtorizzati CBAM fir-reġistru CBAM biss jekk tkun tħallset is-somma korrispondenti. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-bidla fl-istatus tat-talbiet għax-xiri ssir fir-reġistru CBAM biss wara konferma mill-pjattaforma ċentrali komuni ta' pagament effettiv.

(27) Sabiex is-sistema tkun fil-livell l-aktar effiċjenti tagħha, huwa xieraq li l-pjattaforma ċentrali komuni tibgħat l-informazzjoni dwar il-bejgħ u x-xiri mill-ġdid taċ-ċertifikati CBAM lir-reġistru CBAM. Min-naħa l-oħra, jenħtieġ li jiġi żgurat li dik l-informazzjoni ssir disponibbli mingħajr dewmien żejjed għal kull Stat Membru fir-reġistru CBAM. Madankollu, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom aċċess biss għall-informazzjoni dwar l-operazzjonijiet relatati mad-dikjaranti awtorizzati CBAM stabbiliti fit-territorju ta' dak l-Istat Membru.

(28) Sabiex il-pjattaforma ċentrali komuni tagħmel il-pagamenti relatati mal-bejgħ u max-xiri mill-ġdid taċ-ċertifikati CBAM, jenħtieġ li d-dikjaranti awtorizzati CBAM u l-Istati Membri jiddeżinjaw il-kontijiet bankarji li se jużaw biex jirċievu l-fondi korrispondenti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddeżinjaw dak il-kont bankarju barra mill-pjattaforma ċentrali komuni. Abbażi tal-informazzjoni bankarja li jkollha, u tal-informazzjoni li tirċievi mir-reġistru CBAM fir-rigward tat-talbiet għall-bejgħ u għax-xiri mill-ġdid li ddaħħlu fir-reġistru CBAM mid-dikjaranti awtorizzati CBAM, jenħtieġ li l-pjattaforma ċentrali komuni twettaq il-pagamenti korrispondenti.

(29) Sabiex tiġi pprovduta ċertezza legali u jittaffa r-riskju ta' treġġigħ lura, jenħtieġ li l-pjattaforma ċentrali komuni twettaq il-pagament li jikkorrispondi għal bejgħ jew xiri mill-ġdid ta' ċertifikati CBAM billi tittrasferixxi s-somma mħallsa mill-kont bankarju ddeżinjat tal-pagatur għal dak tal-kont bankarju ddeżinjat tal-benefiċjarju f'fondi kklerjati, u b'hekk tiżgura li l-fondi jkunu ġew saldati bis-sħiħ u jkunu disponibbli fil-kont bankarju tal-benefiċjarju. Jenħtieġ li tali trasferiment ta' fondi jitwettaq mill-pjattaforma ċentrali komuni fl-istess jum tal-pagament biex jiġi evitat intervall ta' żmien bejn il-pagament u t-trasferimenti effettivi tal-flus.

(30) Jenħtieġ li l-pjattaforma ċentrali komuni tinforma lill-Kummissjoni permezz tar-reġistru CBAM dwar kwalunkwe nuqqas ta' disponibbiltà skedat tal-operazzjonijiet biex tiżgura l-kontinwità operazzjonali u tippermetti koordinazzjoni xierqa. Min-naħa tagħha, jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħmel din l-informazzjoni disponibbli għall-utenti u għall-Istati Membri fir-reġistru CBAM. Sabiex jiġu ssalvagwardjati l-integrità u l-affidabbiltà tas-sistema, jenħtieġ li l-pjattaforma ċentrali komuni żżomm ukoll lura milli teżegwixxi pagamenti fir-rigward ta' talbiet għax-xiri jew għax-xiri mill-ġdid fejn ikun hemm indikazzjonijiet li l-informazzjoni riċevuta mir-reġistru CBAM ma tkunx akkurata jew li s-sigurtà tal-operazzjoni jew tal-pjattaforma ċentrali komuni tista' tiġi kompromessa.

(31) Sabiex jiġu żgurati l-integrità u l-kunfidenzjalità tat-tranżazzjonijiet, u li l-informazzjoni tkun soġġetta għal kontrolli xierqa, jenħtieġ li l-utenti jaċċessaw il-pjattaforma ċentrali komuni biss biex jagħmlu pagamenti mir-reġistru CBAM u matul l-istess ħin ta' operat bħar-reġistru CBAM.

(32) Sabiex jiġi żgurat appoġġ effettiv għall-utenti u riżoluzzjoni f'waqtha tal-kwistjonijiet operazzjonali, jenħtieġ li l-pjattaforma ċentrali komuni tistabbilixxi u żżomm servizz ta' helpline aċċessibbli għall-utenti kollha. Jenħtieġ li tikkollabora wkoll mal-Istati

Membri u mal-Kummissjoni u taqsam l-informazzjoni neċessarja għar-riżoluzzjoni ta' kwalunkwe inċident, u b'hekk tiżgura l-ġestjoni kkoordinata tal-inċidenti.

(33) Sabiex tiġi żgurata l-integrità sħiħa tas-sistema, jenħtieġ li l-pjattaforma ċentrali komuni timplimenta wkoll kontroll, ġestjoni tar-riskju u monitoraġġ adegwati biex tiżgura li l-benefiċjarji jirċievu, fil-ħin, is-somom sħaħ li jikkorrispondu għall-pagamenti bi kwalunkwe wieħed mill-metodi użati mill-pjattaforma ċentrali komuni għat-trasferiment tal-fondi.

(34) Sabiex jiġi żgurat monitoraġġ xieraq tal-ġestjoni taċ-ċertifikati CBAM, jenħtieġ li l-informazzjoni maħżuna fuq il-pjattaforma ċentrali komuni titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni.

(35) Skont l-Artikolu 20(5a) tar-Regolament (UE) 2023/956, il-kostijiet imġarrba b'rabta mal-istabbiliment, l-operat u l-ġestjoni tal-pjattaforma ċentrali komuni jridu jiġu ffinanzjati minn tariffi pagabbli mid-dikjaranti awtorizzati CBAM. Jenħtieġ li tali tariffi jiġu applikati għall-bejgħ taċ-ċertifikati CBAM. Jenħtieġ li dawn jiffinanzjaw b'mod dirett il-kostijiet tal-pjattaforma, ħlief għall-ewwel kuntratt ta' akkwist konġunt, fejn jenħtieġ li dawk il-kostijiet inizjalment jitħallsu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni u jiġu rimborżati permezz ta' dawk it-tariffi, li għal dak il-fini jridu jikkostitwixxu dħul assenjat intern.

(36) Sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u jiġu evitati kostijiet amministrattivi żejda, jenħtieġ li t-tariffa li għandha tiġi applikata għall-bejgħ taċ-ċertifikati CBAM tiġi stabbilita f'livell li jiżgura li jiġu koperti l-kostijiet imġarrba mill-istabbiliment, mill-operat u mill-ġestjoni tal-pjattaforma ċentrali komuni matul l-ewwel kuntratt ta' akkwist konġunt, kif imħallsa inizjalment mill-baġit ġenerali tal-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ li t-tariffi ma jaqbżux dawn il-kostijiet biex jiġu ppreżervati l-integrità u l-ġustizzja tal-mekkaniżmu tas-CBAM. Il-livell tat-tariffa jenħtieġ li jkun soġġett għal rieżami regolari u jiġi aġġustat jekk ikun meħtieġ, biex ikopri strettament il-kostijiet rilevanti.

(37) Sabiex tiġi żgurata sistema ta' ġbir effiċjenti, jenħtieġ li t-tariffi jitħallsu mid-dikjaranti awtorizzati CBAM mal-pagament taċ-ċertifikati CBAM. Jenħtieġ li l-pjattaforma ċentrali komuni tiġbor it-tariffi mill-pagamenti magħmula mid-dikjaranti awtorizzati CBAM. Jenħtieġ li l-pjattaforma ċentrali komuni tittrasferixxi d-dħul iġġenerat mill-bejgħ taċ-ċertifikat CBAM lill-Istati Membri rilevanti. Jenħtieġ li għat-tul tal-ewwel kuntratt ta' akkwist pubbliku konġunt, it-tariffi korrispondenti jiġu ttrasferiti lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li għall-kuntratti ta' akkwist sussegwenti, it-tariffi miġbura mill-pjattaforma ċentrali komuni jirrappreżentaw il-pagament tagħha għas-servizzi pprovduti. Għalhekk, jenħtieġ li l-pjattaforma ċentrali komuni topera sistema ta' pagament li tagħmel distinzjoni bejn id-dħul mill-bejgħ taċ-ċertifikati CBAM u t-tariffi korrispondenti.

(38) Sabiex jiġu żgurati l-prevedibbiltà u s-sempliċità għad-dikjaranti awtorizzati CBAM, jenħtieġ li t-tariffi jiġu stabbiliti f'ammont fiss f'euro, irrispettivament mill-prezz taċ-ċertifikat CBAM jew mill-Istat Membru tal-bejgħ. Jenħtieġ li t-tariffa li għandha titħallas mid-dikjaranti awtorizzati CBAM tiġi mmultiplikata bl-għadd ta' ċertifikati CBAM ikkonċernati mit-talba għax-xiri. Dan se jallinja wkoll mal-istruttura tat-tariffi applikati fuq l-irkant tal-kwoti tal-EU ETS skont ir-Regolament Delegat (UE) 2023/2830.

(39) Ix-xiri mill-ġdid taċ-ċertifikati CBAM huwa proċess li jippermetti ċerta flessibbiltà fir-rigward ta' kif id-dikjaranti awtorizzati CBAM se jimmaniġġaw l-obbligazzjoni

finanzjarja tagħhom fir-rigward tas-CBAM u jimmitigaw ir-riskju ta' xiri żejjed ta' ċertifikati CBAM mingħajr kumpens minħabba inċertezzi possibbli fil-mument tal-importazzjoni fir-rigward ta' xi parametri importanti, bħall-prezz tal-karbonju mħallas f'pajjiż terz. Sabiex jiġu evitati imposti doppji, jenħtieġ li t-tariffi jiġu applikati biss għal operazzjonijiet imwettqa mill-pjattaforma ċentrali komuni fir-rigward tal-bejgħ taċ-ċertifikati CBAM.

(40) Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/3210, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni huma kontrolluri konġunti għall-ipproċessar tad-data personali għall-ġestjoni taċ-ċertifikati CBAM f'konformità mar-Regolament (UE) 2023/956. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni jipproċessaw data personali rreġistrata fuq ir-Reġistru CBAM u fuq il-pjattaforma ċentrali komuni f'konformità mal-kompiti tagħhom kif speċifikat fir-Regolament (UE) 2023/956 u, bħala tali, jaġixxu bħala kontrolluri tad-data fit-tifsira tal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2018/1725 għall-ġestjoni taċ-ċertifikati CBAM mixtrija jew mixtrija mill-ġdid fuq il-pjattaforma ċentrali komuni.

(41) Id-data personali jenħtieġ li tinżamm f'forma li tippermetti l-identifikazzjoni tas-suġġetti tad-data għal mhux iktar milli jkun meħtieġ għall-finijiet li għalihom tkun ipproċessata d-data personali. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2023/956, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jirrieżaminaw id-dikjarazzjonijiet CBAM sa tmiem ir-raba' sena wara s-sena li matulha kellha tiġi sottomessa d-dikjarazzjoni CBAM. Peress li r-rieżamijiet jistgħu jirriżultaw f'aktar bejgħ jew fix-xiri mill-ġdid taċ-ċertifikati CBAM, u peress li jista' jkun meħtieġ li jitqies perjodu massimu ta' mhux aktar minn seba' snin għal finijiet bħar-reviżjoni tad-dikjarazzjonijiet CBAM, huwa xieraq li l-perjodu taż-żamma tad-data għall-informazzjoni dwar il-bejgħ u x-xiri mill-ġdid taċ-ċertifikati CBAM fir-reġistru CBAM u fuq il-pjattaforma ċentrali komuni, kif ukoll il-perjodu li matulu tinżamm l-informazzjoni rreġistrata fil-pjattaforma ċentrali komuni, ikun allinjat mal-perjodu li fih jistgħu jiġu rieżaminati d-dikjarazzjonijiet CBAM.

(42) Sabiex tiġi żgurata koordinazzjoni tajba bejn il-pjattaforma ċentrali komuni u r-reġistru CBAM, jenħtieġ li l-informazzjoni rreġistrata kuljum tiġi rrapportata mill-pjattaforma ċentrali komuni lill-Kummissjoni, permezz tar-reġistru CBAM. Dak ir-rapport huwa kruċjali biex jiġu żgurati l-affidabbiltà u s-sigurtà tal-informazzjoni rreġistrata fil-pjattaforma ċentrali komuni, u biex jiġi żgurat li l-partijiet kollha involuti jkollhom eżattament l-istess informazzjoni dwar il-bejgħ u x-xiri mill-ġdid taċ-ċertifikati CBAM, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni relatata ma' dawk l-attivitajiet.

(43) F'konformità mal-Artikolu 20(2), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2023/956, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jridu jkollhom aċċess għall-informazzjoni fil-pjattaforma ċentrali komuni. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-partijiet kollha involuti fil-pjattaforma ċentrali komuni jkollhom aċċess għall-informazzjoni rreġistrata fiha, li taqa' taħt l-kompetenza ta' kull parti. Dak l-aċċess jenħtieġ li jkun mingħajr ħlas.

(44) Filwaqt li l-bejgħ taċ-ċertifikati CBAM fuq il-pjattaforma ċentrali komuni jrid jibda fl-1 ta' Frar 2027 skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2023/956, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni, bħala partijiet kontraenti, iwettqu proċedura ta' akkwist konġunt sabiex jaħtru l-pjattaforma ċentrali komuni prevista fl-Artikolu 20(2) tar-Regolament (UE) 2023/956 qabel ma jibda l-bejgħ taċ-ċertifikati CBAM fuq dik il-

pjattaforma. Għalhekk, filwaqt li jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika mill-1 ta' Frar 2027, jenħtieġ li r-regoli li jistabbilixxi dwar l-akkwist u l-istabbiliment tal-pjattaforma ċentrali komuni jibdew japplikaw mill-jum tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament f'waqtu u mingħajr interruzzjoni tal-bejgħ taċ-ċertifikati CBAM u jiġi evitat tfixkil fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li dan jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(45) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta l-opinjoni tiegħu fit-8 ta' Settembru 2026,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "utent" tfisser dikjarant awtorizzat CBAM jew, fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) 2023/956, dikjarant awtorizzat CBAM li l-kont CBAM tiegħu għadu ma ngħalaqx;

(2) "ċertifikat CBAM disponibbli" tfisser ċertifikat CBAM li jista' jiġi ċedut minn utent biex jissodisfa l-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 19(5) jew 22(1) tar-Regolament (UE) 2023/956;

(3) "prezz ta' ċertifikat CBAM" tfisser il-prezz ta' ċertifikat CBAM kif ikkalkolat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2023/956;

(4) "data tax-xiri" tfisser il-jum kalendarju li fih is-somma totali ta' pagament li jikkorrispondi għax-xiri ta' ċertifikat CBAM jiġi riċevut f'fondi kklerjati milil-pjattaforma ċentrali komuni;

(5) "data tal-kreditu" tfisser il-jum kalendarju li fih ċertifikat CBAM isir disponibbli fil-kont CBAM tal-utent;

(6) "sistema ta' pagament" tfisser sistema ta' pagament kif definita fl-Artikolu 4, il-punt (7), tad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8];

(7) "ħatra tal-pjattaforma ċentrali komuni" tfisser l-aġġudikazzjoni ta' kuntratt skont il-proċedura ta' akkwist imsemmija fl-Artikolu 20(2), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2023/956;

(8) "status ta' ċertifikat CBAM" tfisser l-istat assenjat lil ċertifikat CBAM f'mument partikolari, kif iddeterminat mill-azzjonijiet li jaffettwaw dak iċ-ċertifikat fir-reġistru

[8] Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2015/2366/oj).

CBAM. Ċertifikat CBAM jista' jkollu status minn dawn li ġejjin: "ikkreditat", "għandu jinxtara mill-ġdid", "mixtri mill-ġdid", "sospiż għall-kanċellazzjoni", "ikkanċellat" u "ċedut".

KAPITOLU II

BEJGĦ U XIRI MILL-ĠDID TA' ĊERTIFIKATI CBAM

Artikolu 2

Talba għax-xiri

1. Utent għandu jdaħħal talba għax-xiri ("talba għax-xiri") fir-reġistru CBAM kif imsemmi fl-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) 2023/956 ("ir-reġistru CBAM").

L-għadd ta' ċertifikati CBAM ikkonċernati minn talba għax-xiri għandu jkun numru sħiħ li jkun ugwali għal 1 jew ogħla minnu u inqas minn 99 999 jew ugwali għalih.

2. It-talba għax-xiri mdaħħla fir-reġistru CBAM minn utent għandha tiġi assenjata numru ta' identifikazzjoni. Għandu jiġi żgurat li tiġi rreġistrata l-informazzjoni li ġejja:

(a) in-numru ta' identifikazzjoni tat-talba għax-xiri;

(b) l-għadd ta' ċertifikati CBAM;

(c) il-prezz ta' kull ċertifikat CBAM kif ikkalkolat f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2025/2548[9];

(d) l-ammont totali li għandu jitħallas għaċ-ċertifikati CBAM;

(e) it-tariffa għal kull ċertifikat CBAM imsemmi fl-Artikolu 15;

(f) l-ammont totali tat-tariffi;

(g) l-ammont totali tat-talba għax-xiri.

Il-prezz taċ-ċertifikat CBAM ikkonċernat minn talba għax-xiri għandu jinżamm aġġornat fir-reġistru CBAM.

3. Utent ma għandux jemenda talba għax-xiri wara li tkun ġiet irreġistrata talba għax-xiri fir-reġistru CBAM mill-utent. Utent jista' jirtira tali talba għax-xiri qabel ma jkun sar il-ħlas fuq il-pjattaforma ċentrali komuni skont l-Artikolu 13 biss.

4. L-istatus ta' talba għax-xiri għandu jinżamm aġġornat fir-reġistru CBAM.

Artikolu 3

Ħolqien taċ-ċertifikati CBAM

1. Mal-konferma mill-pjattaforma ċentrali komuni tat-tlestija tal-pagament, iċ-ċertifikati CBAM għandhom jinħolqu fil-kont CBAM imsemmi fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2023/956 ("il-kont CBAM") tad-dikjarant awtorizzat CBAM

[9] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/2548 tal-10 ta' Diċembru 2025 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kalkolu u l-pubblikazzjoni tal-prezz taċ-ċertifikati tas-CBAM (ĠU L, 2025/2548, 22.12.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/2548/oj).

permezz ta' format elettroniku standardizzat.

2. Mal-ħolqien ta' ċertifikat CBAM, l-informazzjoni li ġejja għandha tiġi rreġistrata fir-reġistru CBAM:

(a) in-numru uniku ta' identifikazzjoni taċ-ċertifikat CBAM;

(b) in-numru tal-kont CBAM uniku tal-utent;

(c) l-Istat Membru fejn huwa stabbilit l-utent;

(d) il-prezz taċ-ċertifikat CBAM;

(e) id-data tal-kreditu;

(f) l-istatus taċ-ċertifikat CBAM;

(g) in-numru ta' identifikazzjoni tat-talba għax-xiri.

Artikolu 4

Talba għax-xiri mill-ġdid

1. Meta utent jitlob ix-xiri mill-ġdid ta' ċertifikati CBAM skont l-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2023/956, l-utent għandu jdaħħal talba għax-xiri mill-ġdid fir-reġistru CBAM ("talba għax-xiri mill-ġdid") li jkun fih iċ-ċertifikati CBAM li qed jitlob li jinxtraw mill-ġdid, jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-għadd ta' ċertifikati CBAM ikkonċernati għandu jkun numru sħiħ li jkun ugwali għal wieħed jew aktar;

(b) l-għadd ta' ċertifikati CBAM ma jaqbiżx il-limitu msemmi fl-Artikolu 23(2) tar-Regolament (UE) 2023/956;

(c) iċ-ċertifikati CBAM huma disponibbli fil-kont CBAM tal-utent, f'konformità mal-Artikolu 5, jew, fil-każ ta' rieżami ta' dikjarazzjoni skont l-Artikolu 19(5) tar-Regolament (UE) 2023/956, l-għadd taċ-ċertifikati ċeduti mid-dikjarant kien ikbar minn dak meħtieġ wara l-konklużjoni tar-rieżami mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru;

(d) l-utent jissodisfa waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

– l-utent ikun ikkonforma mal-obbligu, skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2023/956, li jċedi, sat-30 ta' Settembru, l-għadd ta' ċertifikati CBAM li jikkorrispondu għall-emissjonijiet integrati ddikjarati f'konformità mal-Artikolu 6 ta' dak ir-Regolament għas-sena ta' qabel iċ-ċediment;

– l-utent kien eżentat mill-obbligi tar-Regolament (UE) 2023/956 skont l-Artikolu 2a(1) ta' dak ir-Regolament għal dik is-sena kalendarja preċedenti.

2. Utent jista' jdaħħal talba għax-xiri mill-ġdid fir-reġistru CBAM darba għal kull sena ta' importazzjoni. Madankollu, talbiet għax-xiri mill-ġdid imdaħħla fir-reġistru CBAM wara l-konklużjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' rieżami ta' dikjarazzjoni CBAM skont l-Artikolu 19(6) tar-Regolament (UE) 2023/956 ma għandhomx jitqiesu. Ladarba jdaħħal talba għax-xiri mill-ġdid fir-reġistru qabel l-1 ta' April, l-1 ta' Lulju jew l-1 ta' Novembru, utent ma għandux jemendaha jew jirtiraha fid-data rilevanti jew wara.

3. Meta utent idaħħal talba għax-xiri mill-ġdid fir-reġistru CBAM, il-prezz totali tat-talba għandu jiġi kkalkolat u jintwera f'euro fir-reġistru CBAM.

4. It-talba għax-xiri mill-ġdid għandha tiġi assenjata numru ta' identifikazzjoni. Għandha tiġi rreġistrata l-informazzjoni li ġejja:

   (a) in-numru ta' identifikazzjoni tat-talba għax-xiri mill-ġdid;

   (b) l-għadd ta' ċertifikati CBAM;

   (c) in-numri ta' identifikazzjoni tat-talbiet għax-xiri kkonċernati mit-talba għax-xiri mill-ġdid;

   (d) l-ammont totali tat-talba għax-xiri mill-ġdid.

5. Il-Kummissjoni għandha tixtri mill-ġdid, f'isem l-Istat Membru fejn ikun stabbilit id-dikjarant awtorizzat CBAM, kull sena sal-15 ta' Mejju, il-15 ta' Awwissu u l-15 ta' Diċembru, iċ-ċertifikati CBAM ikkonċernati minn talbiet għax-xiri mill-ġdid li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u li jkunu ddaħħlu fir-reġistru CBAM mill-utenti skont dan l-Artikolu qabel l-1 ta' April, l-1 ta' Lulju u l-1 ta' Novembru, rispettivament, li għalihom il-fondi li jikkorrispondu għax-xiri mill-ġdid ikunu saru disponibbli mill-Istat Membru jew mill-awtorità kompetenti tiegħu skont l-Artikolu 20(2).

6. Il-Kummissjoni għandha tiffirma b'mod diġitali f'isem l-Istat Membru fejn huwa stabbilit id-dikjarant awtorizzat CBAM, it-talbiet għax-xiri mill-ġdid imsemmija fil-paragrafu 5.

7. L-utent u l-Istati Membri jew l-awtorità kompetenti tagħhom għandhom jiġu infurmati dwar l-istatus tat-talba għax-xiri mill-ġdid permezz tar-reġistru CBAM. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Istati Membri jew lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom l-informazzjoni li tikkorrispondi għall-għadd totali ta' talbiet għax-xiri mill-ġdid imsemmija fil-paragrafu 4 u l-ammont totali kif imsemmi fl-Artikolu 20(2).

Artikolu 5

Disponibbiltà taċ-ċertifikati CBAM

1. Iċ-ċertifikati CBAM għandhom jiġu assenjati status ta' "ikkreditati" u jkunu disponibbli fil-kont CBAM ta' dikjarant awtorizzat CBAM malli l-pjattaforma ċentrali komuni tirċievi l-konferma tal-ħlas imsemmija fl-Artikolu 13(2).

2. Fl-1 ta' April, fl-1 ta' Lulju jew fl-1 ta' Novembru ta' kull sena, iċ-ċertifikati CBAM li jinsabu f'talba għax-xiri mill-ġdid li tkun iddaħħlet fir-reġistru CBAM skont l-Artikolu 4 qabel l-1 ta' April, l-1 ta' Lulju u l-1 ta' Novembru, rispettivament, għandhom jiġu assenjati status ta' "għandhom jinxtraw mill-ġdid" u ma għandhomx jibqgħu disponibbli fil-kont CBAM tad-dikjarant awtorizzat CBAM.

   Wara x-xiri mill-ġdid taċ-ċertifikati CBAM mitluba f'konformità mal-Artikolu 4(5) u (6), dawn għandhom jiġu assenjati status ta' "mixtrija mill-ġdid" u ma għandhomx jibqgħu disponibbli fil-kont CBAM tad-dikjarant awtorizzat CBAM.

KAPITOLU III

PJATTAFORMA ĊENTRALI KOMUNI

Artikolu 6

Stabbiliment u ġestjoni tal-pjattaforma ċentrali komuni

1. Għall-fini tal-istabbiliment u tal-immaniġġjar tal-pjattaforma ċentrali komuni msemmija fl-Artikolu 20(2) tar-Regolament (UE) 2023/956, l-Istati Membri u l-Kummissjoni ("l-awtoritajiet kontraenti") għandhom jiffirmaw ftehim biex titnieda proċedura ta' akkwist konġunt.

2. Il-proċedura ta' akkwist konġunt imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha ssir skont l-Artikolu 168(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10].

3. Il-perjodu tal-ewwel kuntratt ta' akkwist konġunt għall-pjattaforma ċentrali komuni ma għandux ikun itwal minn ħames snin.

   Il-perjodu msemmi fl-ewwel subparagrafu jista' jiġi estiż b'sena fuq deċiżjoni tal-awtoritajiet kontraenti, li trid tiġi nnotifikata mill-Kummissjoni lill-pjattaforma ċentrali komuni qabel it-tmiem tas-sena ta' qabel l-aħħar sena tal-kuntratt.

4. Qabel ma l-awtoritajiet kontraenti jniedu proċedura ta' akkwist, il-Kummissjoni tista' twettaq konsultazzjoni preliminari tas-suq f'konformità mal-Artikolu 169(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 bil-ħsieb li tivverifika l-kundizzjonijiet tas-suq u li tħejji l-proċedura ta' akkwist konġunt.

5. Mingħajr preġudizzju għal dan ir-Regolament, it-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt li jaħtar il-pjattaforma ċentrali komuni jistgħu jipprovdu aktar regoli dwar il-governanza u l-amministrazzjoni tal-pjattaforma, inkluż dwar is-servizzi mogħtija f'konformità mal-Artikolu 7, l-aċċess għall-pjattaforma ċentrali komuni skont l-Artikolu 8, il-pagamenti skont l-Artikolu 13 u l-ġestjoni tad-data mill-pjattaforma ċentrali komuni skont l-Artikoli 20 sa 23. Dak il-kuntratt jista' jipprovdi wkoll aktar dettalji dwar il-proċedura għall-ġbir tat-tariffi msemmija fl-Artikolu 15.

6. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-identità u d-dettalji ta' kuntatt tal-pjattaforma ċentrali komuni msemmija f'dan l-Artikolu fuq is-sit web tagħha mal-ħatra tal-pjattaforma ċentrali komuni.

Artikolu 7

Servizzi pprovduti mill-pjattaforma ċentrali komuni

1. Il-pjattaforma ċentrali komuni għandha tipprovdi s-servizzi li ġejjin:

(a) l-iżgurar tal-forniment kontinwu ta' servizzi online, kważi f'ħin reali u mingħajr interruzzjoni matul il-ħinijiet operattivi kif imsemmi fl-Artikolu 8, inkluż wara bidla fis-servizz;

[10] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

(b) il-forniment lill-utenti tal-aċċess imsemmi fl-Artikolu 8, inkluż l-iżgurar tal-forniment, tal-manutenzjoni u tal-kompatibbiltà tas-sistemi neċessarji mal-interfaċċa bejn il-pjattaforma ċentrali komuni u r-reġistru CBAM;

(c) il-forniment tal-aċċess imsemmi fl-Artikolu 23 lill-utenti, lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni;

(d) id-distribuzzjoni, jew l-iżgurar tad-distribuzzjoni, tar-rikavat mill-pagamenti lill-Istat Membru kkonċernat jew lill-utent ikkonċernat, skont l-Artikolu 13;

(e) in-notifika tal-istatus tal-pagamenti lill-Kummissjoni permezz tar-reġistru CBAM;

(f) il-ġbir tat-tariffi, jew l-iżgurar tal-ġbir tat-tariffi, skont l-Artikolu 15;

(g) il-forniment tar-rapporti annwali, imsemmija fl-Artikolu 17;

(h) il-forniment tal-appoġġ ta' ċentru għas-servizzi msemmi fl-Artikolu 12;

(i) is-sorveljanza tal-proċessi ta' ħlas, in-notifika ta' suspetti ta' ħasil tal-flus, ta' finanzjament tat-terroriżmu, ta' attività kriminali jew ta' kwalunkwe frodi jew abbuż, l-amministrazzjoni ta' kwalunkwe miżura ta' rimedju jew sanzjoni meħtieġa inkluż il-forniment ta' mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti.

2. Qabel il-ftuħ tas-servizzi mmexxija minnha, il-pjattaforma ċentrali komuni għandha taqbad mar-reġistru CBAM, u tkun interoperabbli miegħu, permezz tal-interfaċċa li l-ispeċifikazzjonijiet tagħha jridu jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni.

Il-pjattaforma ċentrali komuni għandha tiżgura li kwalunkwe kwistjoni identifikata skont l-ewwel subparagrafu qabel il-ftuħ tas-servizzi mmexxija minnha tiġi rrimedjata.

3. Fi żmien 12-il xahar mid-data tal-ħatra tagħha, il-pjattaforma ċentrali komuni għandha tissottometti lill-Kummissjoni d-dokumenti kif stabbilit f'konformità mal-kuntratt li jaħtar il-pjattaforma ċentrali komuni, li jistabbilixxu miżuri dettaljati li huma ppjanati biex jiżguraw dan li ġej:

(a) it-trasferiment tas-sistemi kollha neċessarji għall-kontinwazzjoni mingħajr interruzzjoni tas-servizzi msemmija f'dan l-Artikolu u t-tħaddim bla xkiel tal-proċessi ta' bejgħ u ta' xiri mill-ġdid minn kwalunkwe suċċessur tal-pjattaforma ċentrali komuni;

(b) l-għoti tal-informazzjoni kollha relatata mal-proċessi tal-bejgħ u tax-xiri mill-ġdid li hija neċessarja għall-proċedura ta' akkwist biex jinħatar kwalunkwe suċċessur għall-pjattaforma ċentrali komuni;

(c) l-għoti ta' assistenza teknika li tippermetti lill-awtoritajiet kontraenti, kwalunkwe suċċessur għall-pjattaforma ċentrali komuni, jew kwalunkwe kombinament ta' dawn, li jifhmu, jaċċessaw jew jużaw is-sistema jew l-informazzjoni rilevanti pprovduta skont il-punti (a) u (b).

Artikolu 8

Aċċess u ħinijiet operattivi

1. Il-pjattaforma ċentrali komuni għandha tkun aċċessibbli biss mill-Kummissjoni, mill-Istati Membri u mill-utenti.

Għandha tkun aċċessibbli biex isiru pagamenti relatati mal-bejgħ u max-xiri mill-ġdid taċ-ċertifikati CBAM matul il-ħin operattiv tar-reġistru CBAM.

Utent għandu jkollu aċċess għall-pjattaforma ċentrali komuni permezz tar-reġistru CBAM biss.

2. Il-pjattaforma ċentrali komuni għandha tipprovdi l-operazzjonijiet tagħha b'mod kompletament sigur, affidabbli u online, kważi f'ħin reali, mingħajr interruzzjoni u kontinwament.

3. Il-pjattaforma ċentrali komuni għandha tinforma lill-Kummissjoni permezz tar-reġistru CBAM dwar kwalunkwe nuqqas ta' disponibbiltà tal-operazzjonijiet skedat biżżejjed minn qabel jew, f'każ ta' nuqqas ta' disponibbiltà mhux skedat tal-operazzjonijiet, mill-aktar fis.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-utenti u lill-Istati Membri permezz tar-reġistru CBAM dwar in-nuqqas ta' disponibbiltà tal-operazzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu mingħajr dewmien żejjed.

Artikolu 9

Inċidenti

1. Il-pjattaforma ċentrali komuni ma għandhiex twettaq il-pagament fir-rigward ta' talba għax-xiri jew talba għax-xiri mill-ġdid meta jkollha indikazzjonijiet li l-informazzjoni dwar it-talba li tkun irċeviet mir-reġistru CBAM ma hijiex akkurata, jew li s-sigurtà tal-operazzjoni kkonċernata jew tal-pjattaforma ċentrali komuni tista' tkun kompromessa.

2. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-pjattaforma ċentrali komuni għandha tinforma minnufih lill-Kummissjoni permezz tar-reġistru CBAM.

Il-pjattaforma ċentrali komuni u l-Kummissjoni għandhom jieħdu azzjonijiet immedjati u effettivi u jikkooperaw mill-qrib biex jirrimedjaw il-kwistjoni identifikata. Il-pjattaforma ċentrali komuni għandha tinforma lill-Kummissjoni permezz tar-reġistru CBAM meta l-inċident jiġi rrimedjat.

Artikolu 10

Rekwiżiti ta' żamma tar-rekords

1. Il-pjattaforma ċentrali komuni għandha tassenja numru uniku ta' identifikazzjoni lil kull pagament li twettaq skont l-Artikolu 13.

2. Il-pjattaforma ċentrali komuni għandha tirreġistra d-dettalji sħaħ u akkurati ta' kull pagament li twettaq skont l-Artikolu 13 f'reġistru tat-tranżazzjonijiet.

Ir-reġistru għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) in-numru uniku ta' identifikazzjoni msemmi fil-paragrafu 1;

(b) in-numru ta' identifikazzjoni tat-talba għax-xiri msemmi fl-Artikolu 2(2), il-punt (a), jew in-numru ta' identifikazzjoni tat-talba għax-xiri mill-ġdid imsemmi fl-Artikolu 4(4), il-punt (a);

(c) in-numru tal-kont CBAM tal-utent;

(d) il-kont bankarju nnominat tal-utent;

(e) l-Istat Membru fejn huwa stabbilit l-utent;

(f) il-kont bankarju ddeżinjat tal-Istat Membru;

(g) id-data u l-ħin tax-xiri;

(h) is-somma totali tal-pagament, in-numru u l-prezz taċ-ċertifikati CBAM u t-tariffi.

3. Il-pjattaforma ċentrali komuni għandha tirreġistra l-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-inċidenti msemmija fl-Artikolu 9.

Artikolu 11

Monitoraġġ tal-operazzjonijiet

1. Il-pjattaforma ċentrali komuni għandha timmonitorja mill-qrib l-operazzjonijiet tagħha skont dan ir-Regolament f'kull ħin.

2. Il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-pjattaforma ċentrali komuni għandhom jikkooperaw b'mod attiv biex jiżguraw monitoraġġ effiċjenti mill-pjattaforma ċentrali komuni skont il-paragrafu 1.

3. Fuq talba tal-Kummissjoni, il-pjattaforma ċentrali komuni u l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bi kwalunkwe informazzjoni fil-pussess tagħhom li tista' tkun rilevanti għall-monitoraġġ effettiv skont il-paragrafu 1, kif ukoll għall-awditjar u għas-sigurtà.

Artikolu 12

Appoġġ

Il-pjattaforma ċentrali komuni għandha tistabbilixxi u timmaniġġa servizz ta' helpline aċċessibbli għall-utenti kollha, bl-Ingliż, matul is-sigħat taċ-ċentru għas-servizzi.

Il-pjattaforma ċentrali komuni għandha tikkollabora maċ-ċentri għas-servizzi tal-Istati Membri u l-Kummissjoni, u taqsam l-informazzjoni neċessarja biex jiġi solvut kwalunkwe inċident.

KAPITOLU IV

ĦLAS FUQ IL-PJATTAFORMA ĊENTRALI KOMUNI

Artikolu 13

Ħlas

1. Utent għandu jħallas l-ammont totali tat-talba għax-xiri msemmija fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament fuq il-pjattaforma ċentrali komuni qabel ma jinbidel il-prezz applikabbli taċ-ċertifikat CBAM skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2023/956.

Meta d-data tax-xiri li tikkorrispondi għal talba għax-xiri tkun l-istess bħal jew aktar tard mill-jum li fih jinbidel il-prezz taċ-ċertifikat CBAM, it-talba għax-xiri għandha tiġi kkanċellata. F'dan il-każ, il-pjattaforma ċentrali komuni għandha, mingħajr dewmien żejjed, tirrimborża lill-utent billi tittrasferixxi dik is-somma totali, inkluża t-tariffa, jekk ikun hemm, lill-kont bankarju użat għall-ħlas.

Sa tmiem il-jum kalendarju li fih tiġi riċevuta s-somma li tikkorrispondi għal talba għax-xiri f'fondi kklerjati mill-pjattaforma ċentrali komuni, il-pjattaforma ċentrali komuni għandha tittrasferixxi dik is-somma, mingħajr it-tariffa msemmija fl-Artikolu 15, lill-kont bankarju ddeżinjat tal-Istat Membru f'fondi kklerjati.

Malli jsir dak it-trasferiment, il-pjattaforma ċentrali komuni għandha tibgħat konferma tal-ħlas lir-reġistru CBAM.

2. Utent għandu jikkonferma l-ordni ta' ħlas fuq il-pjattaforma ċentrali komuni li tikkorrispondi għal talba għax-xiri mill-ġdid iffirmata mill-Kummissjoni, f'isem l-Istat Membru kkonċernat, fir-reġistru CBAM skont l-Artikolu 4(6).

Fuq il-pjattaforma ċentrali komuni, utent għandu jiddeżinja kont bankarju għax-xiri mill-ġdid, li jrid ikun il-kont bankarju li minnu l-utent ħallas iċ-ċertifikati CBAM, għal somma aggregata totali, inklużi t-tariffi, li tkun ugwali għas-somma li tikkorrispondi għat-talba għax-xiri mill-ġdid jew ogħla minnha.

Sa tmiem il-jum kalendarju li fih l-utent ikun iddeżinja l-kont bankarju għax-xiri mill-ġdid skont is-subparagrafu ta' hawn fuq, il-pjattaforma ċentrali komuni għandha tittrasferixxi dik is-somma fil-kont bankarju tal-utent.

Malli jsir it-trasferiment imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-pjattaforma ċentrali komuni għandha tibgħat konferma tal-ħlas lir-reġistru CBAM.

3. Il-pagamenti relatati mal-bejgħ u max-xiri mill-ġdid taċ-ċertifikati CBAM fuq il-pjattaforma ċentrali komuni għandhom isiru esklużivament f'euro.

4. Il-kuntratt li jaħtar il-pjattaforma ċentrali komuni jista' jipprovdi aktar dettalji dwar il-ġestjoni tal-pagamenti.

KAPITOLU V

KOSTIJIET TAL-PJATTAFORMA ĊENTRALI KOMUNI U T-TARIFFI

Artikolu 14

Kostijiet

1. Il-kostijiet tas-servizzi msemmija fl-Artikolu 7 għandhom jiġu ffinanzjati minn tariffi pagabbli minn dikjaranti awtorizzati CBAM.

2. Il-kuntratt li jaħtar il-pjattaforma ċentrali komuni jista' jipprovdi aktar dettalji dwar il-kostijiet tas-servizzi.

Artikolu 15

Tariffi

1. Għandha tapplika tariffa għall-bejgħ taċ-ċertifikati CBAM fuq il-pjattaforma ċentrali komuni. Għandha tapplika f'ammont fiss għal kull ċertifikat CBAM mibjugħ mill-Istati Membri.

It-tariffa għandha tiġi ffissata għal EUR 0,05 għal kull ċertifikat CBAM mibjugħ.

2. Il-pjattaforma ċentrali komuni għandha tiġbor it-tariffa msemmija fil-paragrafu 1 fuq il-pagamenti magħmula mill-utenti.

3. Għat-tul tal-kuntratt li jaħtar l-ewwel pjattaforma ċentrali komuni, il-pjattaforma ċentrali komuni għandha tittrasferixxi, fuq bażi ta' kuljum, it-tariffi f'fondi kklerjati lill-Kummissjoni.

4. L-ebda tariffa jew imposta ta' kwalunkwe tip għajr it-tariffa msemmija fil-paragrafu 1 ma għandha tiġi applikata għall-bejgħ taċ-ċertifikati CBAM fuq il-pjattaforma ċentrali komuni.

KAPITOLU VI

SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI U RAPPORTAR

Artikolu 16

Skambju ta' informazzjoni

1. L-informazzjoni li ġejja dwar talba għax-xiri li tkun iddaħħlet fir-reġistru CBAM għandha tintbagħat mir-reġistru CBAM lill-pjattaforma ċentrali komuni:

   (a) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 2(2);

   (b) in-numru tal-kont CBAM tal-utent;

   (c) l-Istat Membru fejn huwa stabbilit l-utent.

2. L-informazzjoni li ġejja dwar talba għax-xiri mill-ġdid li tkun iddaħħlet fir-reġistru CBAM għandha tintbagħat lill-pjattaforma ċentrali komuni:

   (a) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(4);

   (b) in-numru tal-kont CBAM tal-utent;

   (c) l-identifikazzjoni tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit l-utent.

3. Il-pjattaforma ċentrali komuni għandha tibgħat l-istatus tal-pagament permezz tar-reġistru CBAM.

   Il-pjattaforma ċentrali komuni għandha tkun responsabbli għall-kompletezza, għall-akkuratezza, għall-integrità, għall-kunfidenzjalità u għas-sottomissjoni f'waqtha tal-istatus tal-pagamenti. Meta l-pjattaforma ċentrali komuni, il-Kummissjoni jew Stat Membru jidentifikaw żbalji jew ommissjonijiet, dawn għandhom jieħdu azzjoni immedjata u effettiva, u jikkooperaw mill-qrib mat-tnejn l-oħra, biex jirrimedjaw il-kwistjoni identifikata.

4. Il-pjattaforma ċentrali komuni u l-Kummissjoni jistgħu wkoll jiskambjaw permezz tar-reġistru CBAM kwalunkwe informazzjoni oħra dwar il-bejgħ u x-xiri mill-ġdid taċ-ċertifikati CBAM li titqies rilevanti biex jiżguraw ir-rikonċiljazzjoni tad-data u l-monitoraġġ xieraq tal-operazzjonijiet imwettqa mill-pjattaforma ċentrali komuni.

5. L-iskambji ta' informazzjoni bejn ir-reġistru CBAM u l-pjattaforma ċentrali komuni dwar il-bejgħ u x-xiri mill-ġdid taċ-ċertifikati CBAM għandhom isiru b'mod kompletament sigur, affidabbli u kważi immedjat permezz tal-interfaċċa elettronika bbażata fuq il-web imsemmija fl-Artikolu 8.

Artikolu 17

Rapportar

1. Il-pjattaforma ċentrali komuni għandha tibgħat rapport ta' rikonċiljazzjoni lill-Kummissjoni permezz tar-reġistru CBAM fi tmiem kull jum tax-xogħol li matulu tkun wettqet xi operazzjonijiet.

Ir-rapport għandu jintbagħat mill-pjattaforma ċentrali komuni f'format elettroniku u jiġi ffirmat b'mod diġitali.

Ir-rapport ta' rikonċiljazzjoni għandu jkopri l-perjodu mill-aħħar rapport.

2. Ir-rapport ta' rikonċiljazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja, għal kull Stat Membru:

(a) l-informazzjoni dwar it-talbiet għax-xiri msemmija fl-Artikolu 2(2);

(b) l-informazzjoni dwar it-talbiet għax-xiri mill-ġdid imsemmija fl-Artikolu 4(4);

(c) l-istatus tal-pagamenti;

(d) l-għadd ta' ċertifikati CBAM mibjugħa;

(e) l-għadd ta' ċertifikati CBAM mixtrija mill-ġdid;

(f) l-għadd ta' utenti kkonċernati mill-bejgħ;

(g) l-għadd ta' utenti kkonċernati mix-xiri mill-ġdid;

(h) is-somma monetarja totali tal-bejgħ f'euro;

(i) is-somma monetarja totali tax-xiri mill-ġdid f'euro;

(j) l-għadd ta' inċidenti msemmija fl-Artikolu 9.

3. L-informazzjoni dwar l-għadd ta' ċertifikati CBAM mixtrija u mixtrija mill-ġdid, flimkien mal-ammonti totali tagħhom, għandha tkun disponibbli minnufih fir-reġistru CBAM għal Stat Membru fir-rigward tad-dikjaranti awtorizzati CBAM stabbiliti f'dak it-territorju.

4. Il-pjattaforma ċentrali komuni għandha tipprovdi rapport ta' kull xahar lill-Kummissjoni dwar l-operazzjonijiet tal-pjattaforma, inklużi d-disponibbiltà, l-evoluzzjoni teknika u s-sigurtà tagħha.

5. Sal-31 ta' Jannar ta' kull sena, il-pjattaforma ċentrali komuni għandha tipprovdi ħarsa ġenerali u analiżi sħiħa tal-attività tagħha matul is-sena preċedenti lill-Kummissjoni.

6. Il-pjattaforma ċentrali komuni għandha tipprovdi rapport ta' kull xahar lill-Kummissjoni dwar il-ġestjoni tat-tariffa.

7. Il-pjattaforma ċentrali komuni għandha tkun responsabbli għall-kompletezza, għall-akkuratezza u għas-sottomissjoni f'waqtha tar-rapporti msemmija f'dan l-Artikolu. Meta l-pjattaforma ċentrali komuni, il-Kummissjoni jew Stat Membru jidentifikaw żbalji jew ommissjonijiet f'rapport, il-pjattaforma ċentrali komuni għandha minnufih tikkoreġi l-informazzjoni u tissottometti rapport ikkoreġut lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru kkonċernat.

KAPITOLU VII

OBBLIGI TAL-AWTORITAJIET KONTRAENTI U TAL-ISTATI MEMBRI

Artikolu 18

Obbligi tal-awtoritajiet kontraenti

L-awtoritajiet kontraenti għandhom jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-kuntratt li jaħtar il-pjattaformi ċentrali komuni.

Artikolu 19

Kontinwità tan-negozju, salvagwardji ta' responsabbiltà u rimedji kuntrattwali

1. L-istabbiliment u l-ġestjoni tal-pjattaforma ċentrali komuni, inklużi s-servizzi kollha meħtieġa għall-bejgħ u x-xiri mill-ġdid taċ-ċertifikati CBAM, għandhom ikunu rregolati mill-qafas legali applikabbli tal-Unjoni, inkluż ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, u mill-kuntratt li jaħtar il-pjattaforma ċentrali komuni konklużskont il-proċedura ta' akkwist konġunt imsemmija fl-Artikolu 6.

2. Il-kuntratt li jaħtar il-pjattaforma ċentrali komuni għandu jkun fih dispożizzjonijiet li jiżguraw il-kontinwità tas-servizzi msemmija fl-Artikolu 7, inklużi l-kontinwità xierqa tan-negozju, l-irkupru minn diżastri, ir-reżiljenza operazzjonali, il-ġestjoni tal-inċidenti, ir-restawr tas-servizzi u l-arranġamenti ta' tranżizzjoni meħtieġa biex tiġi żgurata l-kontinwazzjoni mingħajr interruzzjoni tal-proċessi ta' bejgħ u ta' xiri mill-ġdid u t-trasferiment ordnat ta' operazzjonijiet lil kwalunkwe pjattaforma suċċessur.

3. Il-kuntratt li jaħtar il-pjattaforma ċentrali komuni għandu jkun fih ukoll dispożizzjonijiet xierqa dwar ir-responsabbiltà, ir-rimedji u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u tal-Istati Membri, inklużi, fejn xieraq, mekkaniżmi ta' twettiq kuntrattwali, danni likwidati, miżuri korrettivi, drittijiet tal-awditjar u tal-kontroll, obbligi ta' rapportar, u miżuri ta' terminazzjoni jew sostituzzjoni fil-każ ta' nuqqas ta' twettiq, twettiq ħażin, fallimenti tas-sigurtà jew ksur ta' obbligi kuntrattwali. Dawk id-dispożizzjonijiet għandhom jindirizzaw ukoll ir-responsabbiltà tal-operatur tal-pjattaforma ċentrali komuni, inkluż l-obbligu tiegħu li jindennizza lill-Unjoni u lill-Istati Membri kontra telf, danni, kostijiet u spejjeż li jirriżultaw minn pretensjonijiet ta' parti terza, inklużi dawk relatati ma' proċedimenti skont l-Artikolu 25, sa fejn tali pretensjonijiet jirriżultaw minn atti jew ommissjonijiet attribwibbli lill-operatur fit-twettiq tal-obbligi kuntrattwali tiegħu.

4. L-awtoritajiet kontraenti għandhom jiżguraw, fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-kuntratt skont l-Artikolu 18, li s-salvagwardji kuntrattwali msemmija fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu jinżammu u jiġu infurzati b'mod effettiv matul id-durata tal-kuntratt.

5. Il-kuntratt li jaħtar il-pjattaforma ċentrali komuni jista' jistabbilixxi rekwiżiti addizzjonali f'konformità ma' dan ir-Regolament u r-regoli finanzjarji u tal-akkwist applikabbli tal-Unjoni.

Artikolu 20

Obbligi tal-Istati Membri

1. L-Istati Membri jew l-awtoritajiet kompetenti tagħhom għandhom jiddeżinjaw lill-pjattaforma ċentrali komuni l-kont bankarju li l-Istat Membru tagħha jrid jirċievi fuqu r-rikavat mill-bejgħ taċ-ċertifikati CBAM ("kont bankarju ddeżinjat").

   Il-kont bankarju ddeżinjat għandu jkun jew kont bankarju ddedikat tal-Istat Membru jew tal-awtorità kompetenti tiegħu, jew kont ieħor iddeżinjat mill-Istat Membru għal dak il-fini.

2. Sal-15 ta' Mejju, il-15 ta' Awwissu jew il-15 ta' Diċembru, kif xieraq, skont liema data tkun rilevanti għall-aħħar data ta' xiri mill-ġdid mill-Kummissjoni kif imsemmi

fl-Artikolu 4(6), l-Istati Membri jew l-awtoritajiet kompetenti tagħhom għandhom jittrasferixxu l-ammont totali li jikkorrispondi għat-talbiet għax-xiri mill-ġdid imsemmija fl-Artikolu 4(6) fil-kont bankarju ddeżinjat mill-Kummissjoni għall-fini tal-ġestjoni tax-xiri mill-ġdid.

3. L-Istati Membri jew l-awtoritajiet kompetenti tagħhom għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe nuqqas tal-pjattaforma ċentrali komuni li tikkonforma mal-kuntratt li jaħtarha.

4. Meta tissodisfa l-obbligi tagħha skont dan ir-Regolament, l-Istati Membri jew l-awtoritajiet kompetenti tagħhom għandhom iqisu kwalunkwe kunsiderazzjoni tas-segretezza professjonali li huma soġġetti għaliha dawk l-awtoritajiet skont id-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali.

KAPITOLU VIII

REKWIŻITI TAL-PROTEZZJONI TAD-DATA

Artikolu 21

Rwol speċifiku tal-Kummissjoni, tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u tal-pjattaforma ċentrali komuni

1. Il-Kummissjoni għandha taġixxi bħala kontrollur uniku meta tipproċessa data personali għal:

   (a) is-superviżjoni tal-pjattaforma ċentrali komuni permezz tar-rieżami tal-informazzjoni u tar-rapporti dwar l-operazzjonijiet tagħha;

   (b) ir-rikonċiljazzjoni, permezz tal-użu ta' informazzjoni dwar ir-rikonċiljazzjoni biex jiġu vverifikati l-validità u l-konsistenza tal-operazzjonijiet;

   (c) l-awditjar, permezz tal-użu ta' informazzjoni pprovduta mill-pjattaforma ċentrali komuni u mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri;

   (d) il-ġestjoni tad-drittijiet ta' aċċess għall-persunal tal-Kummissjoni biex jaċċessa l-pjattaforma ċentrali komuni, permezz tal-awtorizzazzjoni tal-persunal tagħha stess.

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru għandha taġixxi bħala kontrollur uniku meta tipproċessa data personali għal:

   (a) il-ġestjoni tad-drittijiet ta' aċċess għall-persunal tagħha biex jaċċessa l-pjattaforma ċentrali komuni, permezz tal-awtorizzazzjoni tal-persunal tagħha stess;

   (b) il-bejgħ ta' ċertifikati CBAM lill-utenti stabbiliti fl-Istat Membru tagħha, skont l-Artikoli 2 u 13, u t-twettiq tar-responsabbiltajiet tagħha rigward il-finanzjament tax-xiri mill-ġdid;

   (c) l-aċċess u l-użu ta' informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet u reġistri dwar l-utenti stabbiliti fl-Istat Membru tagħha għall-kompiti tagħha stess, inkluża r-rikonċiljazzjoni finanzjarja;

   (d) il-kooperazzjoni fl-operazzjonijiet ta' monitoraġġ, inkluż l-għoti ta' informazzjoni għall-awditjar u l-kooperazzjoni fil-korrezzjoni tal-iżbalji jew

tal-ommissjonijiet, u għall-kooperazzjoni bejn l-uffiċċji nazzjonali u tas-servizzi biex jappoġġaw lill-utenti fir-responsabbiltajiet tagħha;

(e) il-verifiki tal-konformità, l-investigazzjonijiet u l-infurzar, kompiti oħra assenjati legalment, u għall-parteċipazzjoni fi proċedimenti tal-qorti li jikkonċernaw rimedji kontra deċiżjonijiet ta' xiri mill-ġdid.

3. Il-pjattaforma ċentrali komuni għandha taġixxi bħala kontrollur uniku meta tipproċessa data personali għal:

(a) il-ġestjoni tad-drittijiet ta' aċċess għall-persunal tagħha biex jaċċessa l-pjattaforma ċentrali komuni, permezz tal-awtorizzazzjoni tal-persunal tagħha stess;

(b) kwalunkwe pproċessar ulterjuri ta' data personali konnessa mal-pjattaforma ċentrali komuni għall-finijiet tagħha stess.

4. Il-Kummissjoni għandha taġixxi bħala proċessur, meta tipproċessa data personali f'isem l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għall-finijiet ta':

(a) il-bejgħ ta' ċertifikati CBAM lill-utenti stabbiliti fl-Istat Membru kkonċernat;

(b) l-iffaċilitar tat-talbiet għax-xiri, l-iskambji ta' informazzjoni dwar ix-xiri u l-ħlas, u l-ħolqien ta' ċertifikati wara l-konferma ta' ħlas;

(c) ix-xiri mill-ġdid taċ-ċertifikati CBAM f'isem l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat, l-ipproċessar tal-informazzjoni rilevanti dwar it-talba għax-xiri mill-ġdid biex jitwettaq xiri mill-ġdid u l-iffirmar diġitali tat-talba f'isem dik l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru;

(d) il-kooperazzjoni fil-monitoraġġ, fl-awditjar u fil-korrezzjoni tal-iżbalji jew tal-ommissjonijiet, fl-għoti ta' assistenza operazzjonali u fl-ipproċessar ta' informazzjoni meħtieġa għall-kompiti tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru.

5. Il-pjattaforma ċentrali komuni għandha taġixxi bħala proċessur meta tipproċessa data personali taħt struzzjonijiet dokumentati għall-operazzjonijiet li ġejjin:

(a) f'isem il-Kummissjoni, għat-tħejjija ta' rapporti u għall-għoti ta' informazzjoni, għas-superviżjoni tal-Kummissjoni, inklużi l-monitoraġġ u l-awditjar, u għall-operat u ż-żamma tal-pjattaforma ċentrali komuni għall-finijiet tal-Kummissjoni elenkati f'dan l-Artikolu;

(b) f'isem l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat, għall-appoġġ ta' dik l-awtorità u għall-operat u ż-żamma tal-pjattaforma ċentrali komuni għall-finijiet elenkati f'dan l-Artikolu;

(c) f'isem il-Kummissjoni, għall-użu tal-interfaċċa bejn ir-Reġistru CBAM u l-pjattaforma ċentrali komuni għas-superviżjoni tal-pjattaforma ċentrali komuni, bid-data pprovduta f'forma anonimizzata, għall-finijiet elenkati f'dan l-Artikolu;

(d) f'isem l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat, għall-użu tal-interfaċċa għall-bejgħ taċ-ċertifikati CBAM għall-finijiet elenkati f'dan l-Artikolu;

(e) f'isem l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat, għall-użu tal-interfaċċa għax-xiri mill-ġdid taċ-ċertifikati CBAM għall-finijiet elenkati f'dan l-Artikolu.

Artikolu 22

Informazzjoni miżmuma mill-pjattaforma ċentrali komuni

1. Il-pjattaforma ċentrali komuni għandha żżomm l-informazzjoni li ġejja li hija meħtieġa biex topera l-bejgħ u x-xiri mill-ġdid taċ-ċertifikati CBAM:

   (a) in-numru tal-kont CBAM ta' kull-utent;

   (b) id-dettalji tal-kont bankarju nnominat ta' kull utent;

   (c) id-dettalji tal-kont bankarju nnominat ta' kull Stat Membru.

2. Il-pjattaforma ċentrali komuni għandha timmaniġġja biss l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (b) u (c).

3. Il-pjattaforma ċentrali komuni għandha tiżgura ż-żamma tal-kunfidenzjalità, tal-integrità u tas-sigurtà tal-informazzjoni kollha

Artikolu 23

Drittijiet ta' aċċess

1. L-utenti għandu jkollhom id-dritt li jaċċessaw id-data personali tagħhom miżmuma mill-pjattaforma ċentrali komuni skont dan ir-Regolament.

2. Stat Membru għandu jkollu d-dritt li jaċċessa d-data kollha miżmuma mill-pjattaforma ċentrali komuni skont dan ir-Regolament, inkluża l-informazzjoni miżmuma fir-reġistru tat-tranżazzjonijiet imsemmi fl-Artikolu 10(2), fir-rigward tal-utenti stabbiliti fit-territorju tal-Istat Membru tiegħu.

3. Il-Kummissjoni għandu jkollha d-dritt ta' aċċess għad-data kollha miżmuma mill-pjattaforma ċentrali komuni skont dan ir-Regolament fir-rigward tal-utenti kollha, inkluż ir-reġistru sħiħ tat-tranżazzjonijiet imsemmi fl-Artikolu 10(2).

4. Fuq talba ta' utent, ta' Stat Membru jew tal-Kummissjoni, il-pjattaforma ċentrali komuni għandha tipprovdi, fi żmien xieraq, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3, mingħajr ħlas u b'mod sigur u elettroniku.

Artikolu 24

Perjodu ta' żamma tad-data

Il-pjattaforma ċentrali komuni għandha żżomm l-informazzjoni għal perjodu ta' mhux aktar minn seba' snin wara s-sena kalendarja li matulha tiġi rreġistrata l-informazzjoni.

KAPITOLU IX

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 25

Dritt għar-rimedji

Kwalunkwe deċiżjoni meħuda rigward talbiet għax-xiri jew għax-xiri mill-ġdid għandha titqies li tkun ittieħdet mill-Istat Membru fejn ikun stabbilit id-dikjarant CBAM. Il-

Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Istati Membri kwalunkwe informazzjoni rilevanti li jkollha.

Il-pjattaforma ċentrali komuni għandha tiżgura li jkollha stabbilit mekkaniżmu ekstraġudizzjarju biex tittratta l-ilmenti minn utent li jitlob aċċess għall-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 22(1), il-punti (a) u (b).

Artikolu 26

Klawżola ta' rieżami

Fil-każ tal-adozzjoni ta' riżorsa proprja bbażata fuq is-CBAM, f'konformità mal-Artikolu 311, it-tielet paragrafu, tat-TFUE, il-Kummissjoni tista' tirrieżamina dan ir-Regolament fid-dawl ta' kwalunkwe modalità relatata mad-disponibbiltà ta' tali riżorsa proprja. Kuntratt ta' akkwist konġunt għandu jipprevedi l-possibbiltà ta' tali rieżami.

Artikolu 27

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Frar 2027. Madankollu, l-Artikolu 6 għandu japplika minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal il-jum tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell, 25.11.2026

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN